

Brussell, 5 ta' Novembru 2019  
(OR. en)

13492/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2019/0233 (NLE)**

---

**AVIATION 205**  
**RELEX 966**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kummissjoni estiża tal-Eurocontrol, fir-rigward tal-prinċipji għall-istabbiliment tal-bażi tal-kost għall-imposti en route u l-kalkolu tar-rata unitarja, u fir-rigward tal-kondizzjonijiet tal-applikazzjoni tas-sistema tal-imposti fuq ir-rotot u l-kondizzjonijiet tal-ħlas

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE)...**

**ta'...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea,  
fi ħdan il-Kummissjoni estiża tal-Eurocontrol,  
fir-rigward tal-prinċipji għall-istabbiliment tal-bażi tal-kost għall-imposti en route  
u l-kalkolu tar-rata unitarja, u fir-rigward tal-kondizzjonijiet tal-applikazzjoni  
tas-sistema tal-imposti fuq ir-rotot u l-kondizzjonijiet tal-ħlas**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Multilaterali relatat mal-Imposti fuq ir-Rotot ("il-Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1986.
- (2) Skont l-Artikolu 3(2) tal-Ftehim, il-Kummissjoni estiża tadotta prinċipji li jirregolaw il-valutazzjoni tal-kostijiet għall-kalkolu tal-imposti tan-navigazzjoni bl-ajru u l-kondizzjonijiet tal-applikazzjoni u l-ħlas tat-tali imposti.
- (3) Qabel jew waqt il-112-il sessjoni tiegħu fis-26 u s-27 ta' Ġunju 2019, il-Kumitat estiż adotta deċiżjonijiet dwar il-modifiki proposti għall-prinċipji għall-istabbiliment tal-bażi tal-kost għall-imposti en route u għall-kalkolu tar-rati unitarji, u dwar aġġornament tal-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tas-sistema tal-imposti fuq ir-rotot u l-kundizzjonijiet tal-ħlas ("id-deċiżjonijiet").
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni fil-Kummissjoni estiża tal-Eurocontrol, li ser tapprova dawn il-modifiki fis-sessjoni ad hoc tagħha fit-28 ta' Novembru 2019, peress li s-suġġett tad-deċiżjonijiet huwa fil-biċċa l-kbira kopert mil-leġislazzjoni tal-Unjoni, jiġifieri r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317<sup>1</sup>. Għalhekk, dawk l-atti jistgħu jaffettwaw ir-regoli komuni jew ibiddu l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom u l-Unjoni għandha kompetenza esterna esklużiva skont l-Artikolu 3(2) tat-Trattat.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 (ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1).

- (5) L-għan tad-deċiżjonijiet huwa li tiġi żgurata konsistenza kontinwa mar-regoli tal-Unjoni dwar it-trasport, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi appoġġata l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet.
- (6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kummissjoni estiża tal-Eurocontrol, li jaġixxu b'mod konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jipreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1).

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-proċedura bil-miktub qabel jew waqt is-sessjoni ad hoc tal-Kummissjoni estiża tal-Eurocontrol li ser issir fit-28 ta' Novembru 2019 għandha tkun din li ġejja:

- (a) li jiġu appoġġati l-prinċipji aġġornati għall-istabbiliment tal-bażi tal-kost għall-imposti en route;
- (b) li jiġu appoġġati l-kondizzjonijiet tal-applikazzjoni tas-sistema tal-imposti fuq ir-rotot u l-kondizzjonijiet tal-ħlas aġġornati.

### *Artikolu 2*

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kummissjoni estiża tal-Eurocontrol, li jaġixxu b'mod konġunt.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*